MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Numru. 15/2010

**Il-Pulizija**
(Spettur Frank Anthony Tabone)

**vs.**

**Paul Ciantar**

**Illum 16 ta' Mejju 2012**

**Kumpilazzjoni Numru 15/2010**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Paul Ciantar ta' hamsa u sittin (65) sena, iben Joseph u Mary nee' Haber, imwieled Ghajnsielem, Ghawdex, nhar it-13 ta' Ottubru 1944, residenti fil-fond Ciantar House, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem Ghawdex, detentur tal-Karta ta' l-

identita' bin-numru 80644G akkuzat talli nhar it-12 ta' Dicembru 2099, gewwa Ghajnsielem, Ghawdex, ghal-habta tal-hdax ta' filghodu (11.00hrs);

1) Volontarjament hassar, ghamel hsarat, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, ghad-dannu ta' Adrian Vella (ID No. 95962M), liema hsara tiskorri l-valur ta' mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47).

2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor u dan ghad-dannu ta' Adrian Vella (ID No. 95962M)

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali (Dok. "D") sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lil Dr. Justyne Caruana ghal parte civile Dr. Adrian Vella tiddikjara, b'riferenza ghall-ewwel imputazzjoni, illi l-hsara ma tiskorriex is-somma ta' mija u sittax il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47).

Semghet ukoll li Dr. Justyne Caruana ghal parte civile Dr. Adrian Vella tiddikjara li kienet qed tigi rinunzjata l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat u dana b'rizerva ghad-drittijiet civili.

**Ikkunsidrat**

ILLI l-Prosekuzzjoni ma kellhiex provi xi tressaq.

ILLI d-difiza ghazlet li ma tressaq l-ebda provi.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, in segwitu tad-dikjarazzjonijiet maghmula fis-seduta tallum, tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront taghha, u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, tillibera lill-imputat fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------